**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 34/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Elisia Scicluna)**

**Vs**

**Mahmoud Ahmed a/k/a Sam Ibrahim**

**Illum 20 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mahmoud Ahmed a/k/a Sam Ibrahim** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, imwieled l-Eġittu fl-1 ta' Ottubru 1997, iben Ahmed u Nora neè Adalla, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 140174A, talli b'diversi atti, magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar it-28 ta' Diċembru 2022 bejn nofs il-lejl u t-03:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond "Sicilian Food", Triq il-Marina, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont jeċċedi l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment ta' Calarco Roby u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra;
2. Nhar it-12 ta' Jannar 2023 bejn it-03:30 ta' filgħodu u l-05:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond "Tazza Tè", Triq San Luqa, Ħamrun, ikkommetta serq ta' flus kontanti, żewġ tablets u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont ma jeċċedix l-elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Rachel Borg u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra;
3. Nhar l-14 ta' Jannar 2023 bejn n-12:30 ta' filgħodu u s-02:00 ta' filgħodu minn ġewwa il-fond "Coach and Horses", Triq il-Wied, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, laptop, mobile phone u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Djurasic Sascho u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra;

4. Naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., bid-Digriet datat 1 ta' Awwissu 2022, u li permezz tiegħu huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta kif ukoll tordna r-ri-arrest tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) il-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi; u sabiex (iii) f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lil Mahmoud Ahmed a/k/a Sam Ibrahim iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat oriġinarjament wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], iżda fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023[2] huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JR2" sa' Dok. "JR8" a fol. 7 sa' 20 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Ransley mogħtija waqt is-seduti tat-2 ta' Frar 2023[3] u tal-15 ta' Ġunju 2023[4] u rat id-dokument - ossia footage mill-bodycams tal-Pulizija - esebit minnu markat Dok. "JR9" a fol. 30 tal-proċess u d-dokumenti - ossia sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mahmoud Sam Ibrahim" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Awwissu 2020 u sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Mahmoud Ahmed" pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2022 - markati rispettivament Dok. "JRX1" u Dok. "JRX2" a fol. 110 sa' 117 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Elisia Scicluna mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Frar 2023[5] u tas-16 ta' Mejju 2023[6] u rat id-dokument esebit minnha markat Dok. "ESX" a fol. 70 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS737 Kurt Dilan Underwood mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "KU" a fol. 46 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Rachel Borg[7] u ta' Robbie Calarco[8]

[1] Fol. 34 tal-proċess.
[2] Fol. 125 tal-proċess.
[3] Fol. 26 sa' 29 tal-proċess.
[4] Fol. 109 tal-proċess.
[5] Fol. 35 sa' 38 tal-proċess.
[6] Fol. 68 u 69 tal-proċess.
[7] Fol. 51 sa' 53 tal-proċess.
[8] Fol. 54 sa' 56 tal-proċess.

mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023 u x-xhieda ta' PC470 Matteo Daga mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2023[9] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "MD" a fol. 61 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS455 Gabriel Bugeja[10] u ta' Sascho Djurasic[11] mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023 u rat ir-rapport esebit minn PS455 Gabriel Bugeja markat Dok. "GB" a fol. 65 sa' 67 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal Ċivili Peter Bonello u ta' l-Uffiċjal Ċivili Matthew Galea mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju 2023[12] u rat ir-Relazzjoni tagħhom markat Dok. "MG" a fol. 89 sa' 108 tal-proċess;

Rat li b'Digriet datat 15 ta' Ġunju 2023[13], il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, innominat lil Joe Mallia bħala Espert ta' l-Impronti Diġitali. Rat li in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl tal-fatt li dan l-inkarigu kien għadu ma twettaqx, b'Digriet datat 20 ta' Settembru 2023, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-Digriet tal-15 ta' Ġunju 2023;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli b'diversi atti, magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) nhar it-28 ta' Diċembru 2022 bejn nofs il-lejl u t-03:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond "Sicilian Food", Triq il-Marina, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont jeċċedi €2,329.37 għad-detriment ta' Calarco Roby u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra; (2) nhar it-12 ta' Jannar 2023 bejn it-03:30 ta' filgħodu u l-05:00 ta' filgħodu minn ġewwa l-fond "Tazza Tè", Triq San Luqa, Ħamrun, ikkommetta serq ta' flus kontanti, żewġ tablets u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont ma jeċċedix €2,329.37, għad-detriment ta' Rachel Borg u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/i oħra; (3) nhar l-14 ta' Jannar 2023 bejn n-12:30 ta' filgħodu u s-02:00 ta' filgħodu minn ġewwa il-fond "Coach and Horses", Triq il-Wied, Msida, ikkommetta serq ta' flus kontanti, laptop, mobile phone u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-ħin u bil-mezz, liema ammont jeċċedi €2,329.37, għad-detriment ta' Djurasic Sascho u/jew persuna/i oħra u/jew kumpanija/I oħra; (4) naqas milli jħares xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., bid-Digriet datat 1 ta' Awwissu 2022, u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] Fol. 58 sa' 60 tal-proċes.
[10] Fol. 63 u 64 tal-proċess.
[11] Fol. 71 sa' 73 tal-proċess.
[12] Fol. 87 u 88 tal-proċess.
[13] Fol. 85 tal-proċess.

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, iżda fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2023 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni sa' l-istadju meta l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu, il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu u għandha ssibu ħati wkoll ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda, in kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur f'dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, issib li l-valur ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37. Din l-osservazzjoni tal-Qorti hija bbażata fuq il-fatt li Robbie Calarco[14] għal Sicilian Food xehed illi l-flus li nsterqu mill-cash register tal-ħanut kienu jammontaw għal €500 u Sascho Djurasic[15] għal Coaches & Horses xehed illi insteraqlu computer li però kien ilu mixtri iktar minn ħames snin u ma tax valur tiegħu u nsterqulu wkoll flus fl-ammont ta' €2,000. Il-Qorti għandha wkoll tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, il-fedina penali tiegħu u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li fil-kors tat-trattazzjoni orali, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu li l-imputat għandu problema akuta ta' abbuż ta' droga u li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li fil-kors ta' l-investigazzjonijiet l-imputat ikkoopera mal-Pulizija.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(2), 289 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess u a bażi tal-provi prodotti, ħati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, iżda in kwantu rigwarda l-kwalifika tal-valur f'dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, issib li l-valur ma jeċċedix is-somma ta' €2,329.37, ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u ssib li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għall-perijodu ta' tmienja u għoxrin (28) priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti ma hijiex ser tirrevoka d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 1 ta' Awwissu 2022 u ma hijiex ser tordna r-ri-arrest ta' l-imputat iżda, ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-somma ta' €1,000 imposta bħala depożitu fid-Digriet ta' l-1 ta' Awwissu 2022 tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hawn twissi lill-imputat sabiex ikun jista' jkompli jibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilu konċess bid-Digriet mogħti fl-1 ta' Awwissu 2022, wara l-konfiska tad-depożitu ta' €1,000, huwa jkoll jerġa jiddepożita l-ammont hekk konfiskat u jerġa' jagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li jagħmel dan l-imputat ma jkunx qed jottempera ruħu ma' dak fuqu impost għall-finijiet tal-

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023, fol. 54 sa' 56 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023, fol. 71 sa' 73 tal-proċess.

benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk ikun qed jirrendi lilu nnifsu soġġett għar-ri-arrest tiegħu sakemm jiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilu konċess.

Peress illi rriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imsemmi imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta 'Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi, jekk ikun il-każ, programm ta' rijabilittazjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta 'droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità l-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**